

# Il-Pittur Rokku Buhagiar (1723-1805)

**Kitba tal-Kan Dun Joe Abela**

Rokku Buhagiar twieled f'Bormla fis-sena 1723, iżda meta kien għadu żgħir mar joqgħod ma huh fil-Belt Valletta. Mill-arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina nsiru nafu li hu tħarreġ fl-arti tal-pittura għand Neriku Regnaud, iżda l-kwadri tiegħu jisbqu sewwa dawk ta' l-imgħallem tiegħu. Għandhom kuluri wisq aktar attraenti minn dawk ta'Regnaud u bażi aktar artistika. Wisq probabbli li Buhaġiar kompla jipperfezzjona l-arti tal-pittura tiegħu fil-belt ta'Ruma taħt Giacomo Zoboli u ħareġ imitatur mill-aħjar taċ-ċelebri Guidio Reni. Tant kien pittur prolifiku li l-knejjes Maltin huma miżgħuda bix-xogħolijiet tiegħu. Jinsabu mhux biss f'Bormla, belt twelidu, Iżda wkoll fil-Belt Valletta, Iż-Żejtun, il-Birgu, l'Isla, Ħal-Balzan, Birkirkara, il-Furjana, Ħal-Għaxaq, il-Għargħur, il-Mosta, in-Naxxar, il-Qrendi, Ħal-Tarxien, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u f'diversi parroċċi t'Għawdex, biex inkunu semmejna xi wħud mill- parrocci fejn jinsabu. Il-Kavallieri tal-Lingwa ta' Kastilja kellhom rispett u qima kbira lejh tant li, bejn is-snin 1777 u 1790 ikkummisjunawh jidderieġi mill-ġdid id-dekorazzjoni tal-knisja ta' San Ġakbu fil-Belt. Għamel xi żmien jgħix fil-faqar mal-Patrijiet Tereżjani ta' Bormla fi żmien wisq imqalleb ta' l-Istorja ta'Malta. Miet mitejn sena ilu għandhom nhar l-10 ta'Lulju 1805 u gie midfun propju fil-kripta tal-knisja tagħhom ta' Santa Tereża. Nistgħu ngħidu li mal-mewt tiegħu wasal fi tmiem perjodu ieħor importanti fl-Istorja ta' l-Arti fil-Gżejjer Maltin.

## Kwadru ta Buhagiar fil-knisja parrokjali taż-Żejtun

Ma tantx hi ħaġa ħafifa tgħid b'ċertezza assoluta liema huma l-kwadri mpittra minn Rokku Buhagiar, għaliex ma kellux id-drawwa jiffirma l-kwadri mpittra minnu. Allura jekk ma jkollokx tagħrif cert mill-kotba tal-kontijiet, ikollok toqgħod fuq l-istil tal-pittura biex tattribwixxi xi kwadri lilu. Fil-knisja parrokjali taż-Żejtun, nistgħu ngħidu, li għandu disa' kwadri mpittra minnu. Dwar wieħed minnhom, dak ta' Sant' Andrija Avellino, kwadru laterali fin-navi ta' San Ġużepp, m'hemm l-ebda dubju, għaliex hu dokumentat f'aktar minn post wieħed fl-Arkivji parrokkjali taż-Żejtun li tpitter minnu. Għalhekk Rokku Buhagiar ircieva l-ħlas ta' 50 skud. Imbagħad għandna żewġ kwadri kbar attribwiti lilu: il-kwadru titulari tal-Madonna tal-Karmnu fl-altar dedikat lilha, u l-kwadru titulari fl-Oratorju tas-SSimu Sagrament. Fil-kwadru tal-Karmnu, barra l-Verġni Marija u l-Bambin Ġesu', jidhru wkoll Santa Tereża t' Avila, San Ġwann tas-Salib u l-Erwieħ tal-Purgatorju. Fl-imgħoddi dan il-kwadru kien igawdi devozzjoi kbira fost Iż-żwieten. L-ommijiet kellhom id-drawwa sabiħa li wara t-twelid ta' xi tarbija kienu jippreżentawha lill-Madonna quddiem dan il-kwadru devot. Fil-kwadru ta' l-Oratorju Ġesu' huwa preżentat iqarben lill-Appostli. Il-figura ta' Ġesu', imlibbes l'kuluri tassew sbieħ, hi tassew attraenti u tiddomina f'nofs il-kwadru, li jġib id-data 1759. Il-kwadri l-oħra fil-knisja parrokkjali tagħna attribwiti artistikament lil Rokku Buhagiar huma dawk laterali ta' San Alwiġi Gorżoga (fil-kappella tal-karita'), San Isidor u San Blit (fil-kappella ta' Sant Andrija), u il-Madonna tad-Dawl u l-Magħmudija ta' Ġesu' (fil-kappella tal-Karmnu). Kwadru ieħor ckejken ta' Rokku Buhagiar hu dak ta' San Kalċidonju fis-sagristija prinċipali. Kwadri ta' Santa Katarina

M'għandniex spażju biżżejjed f'dan l-istudju qasir biex nagħtu lista sħiħa tal-kwadri mpittra minn Rokku Buhagiar, tant huma numerużi, iżda ma jistax ikun li għall-inqas ma nsemmux il-kwadru tiegħu li nafu bihom dwar Santa Katarina. Wieħed minnhom jirrappreżenta **z-Żwieġ Mistiku tal Qaddisa** u jinsab fil-knisja kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu, fejn id-devożżjoni lejn Santa Katarina hi qadima ferm. Saħansitra wkoll statwa tagħha tinsab f'din il-knisja. Fil-Birgu kienet ukoll teżisti fratellanża dedikata lil Santa Katarina u l-Kavallieri ta' San Ġwann kienu ġabru magħhom minn Rodi tapezzeriji lil-hajja ta' din il-qaddisa li sfortunatament inħarqu f'incident fil-knisja tal-Birgu. Il-kwadru ta' Santa Katarina fil-Birgu hu kopja ta' Annibale Baracci.



Żewġ kwadri oħra b'Santa Katarina bħala suġġett u t-tieni impittra minn Rokku Buhagiar, jinsab fil-kappellun tal-lemin fil-knisja kolleġġjata ta'Bormla. Dan il-kappellun hu ddedikat lil Santa Katarina u l-kwadru titulari, li jirrappreżenta z-Żwieġ Mistiku tal-Qaddisa, flimkien ma numru ta qaddisin oħra, hu attribwit lil Francesco Zahra. Iżda dawk l' altari t-tnejn tpittru minn Rokku Buhagiar. Tax-xellug jirrappreżenta d-**Disputa tal-Qaddisa mal-filosfi** quddiem Massaminu. Il-filosfi jidru ħosbiena attenti għal kliemha. Il-kwadru fih kuluri vivaċi u l' wiċċ tal-qaddisa żagħżugħa hu verament ħelu. Fuq wara jidher il-Kolonnar ta' bini klassiku. Il-kwadru laterali tal-lemin jirrappreżenta l-**Martirju tal-Qaddisa**, Iżda ma jidhrux li jilħaq il livell artistiku ta' l-ewwel wieħed. Kif soltu naraw fi kwadru b'dan is-suġġett, żewġ anġli żgħar jidhru neżlin mis-sema. Lesti li joffru lil Santa Katarina il-kuruna u l-palma tal-Martirju. Meta dawn Iż-żewġ kwadri ta' Bormla ġew restawrati fis-sena 1994 bi flus imħallsa mill-Bank of Valletta, jien irnexxieli nara d-data mniżżla fuq wara tagħhom it-tnejn: 30ta' Mejju 1770. F'Bormla, il-belt ta' twelidu, Buhagiar għandu kwadri oħra.
Tkellimt biss dwar dawn it-tliet kwadri ta'Santa Katarina bħala suġġett, Iżda dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm kwadri oħra dwarha mpittra minn Rokku Buhagiar. Forsi xi ħadt warajja jsir jaf b'oħrajn.

## Xl kwadri oħra mportanti ta' Rokku Buhagiar

Ma nixtieqx nagħlaq dan l-istudju mingħajr ma nsemmi għall-inqas ftit kwadri oħra tassew artistici, u kollha lil- Verġni Marija bħala suġġett, impittra minn Rokku Buhagiar. M'hemmx dubju li l-**Madonna tac-Cintura** (Konsolazzjoni) fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbug, hu fost l-aqwa xogħolijiet tiegħu. hu xogħol tassew ambiżżjuż - kwadru mill-isbaħ li, barra l-Verġni Marija, jinkorpora wkoll disa' qaddisin oħra fosthom Santa Barbara, imqegħda fir-rokna t'isfel tal-lemin, flimkien mat-torri li dejjem niltaqgħu miegħu jakkumpanjaw lil din il-qaddisa. Minkejja n-numru kbir ta'qaddisin li huma mdaħħla fih, dan il-kwadru għandu kompożizzjoni tajba. Kwadru ieħor mhux ta min lħalliħ barra, hu l-**Madonna tal-Isperanza** fil-knisja bl-istess isem ġewwa l-Mosta. Jidher li dan il-kwadru hu wieħed mill-ewwel xogħolijiet ta' Buhagiar. Il-figura ta' Marija Santissima, Ġesu Bambin f'idejha u mdawra b'numru ta anġli żgħar, tiddomina fil-kwadru li, fil-parti t'isfel juri xini ta' l-Ordni mħabbat mill-mewġ qabel l-għajnuna ta' Marija lill-baħħara hi raffigurata minn ankra mqegħda n-naħa ta' riġleha. **It-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna** hu s-suġġett ta' kwadru ieħor ta' Rokku Buhagiar, din id-darba fil-knisja ckejkna ddedikata lilha fil-parrocca ta' Ħal-Tarxien. Hu xogħol karatteristiku ta' dan il-pittur li penġieh fis-sena1771. Iż-żagħżugħa Marija għanda ħlewwa liema bħala u l-kuluri huma attraenti. Dan is-suġġett Buhagiar ttrattah kemm il-darba oħra, fosthom fil-knejjes parrokkjali ta' Ħal-Balzan, Birkirkara u l-Qrendi, u fil-knejjes żgħar tal-konservatorju, Bormla, Iż-Żellieqa fil-Għargħur, u Ħal-Muxi f'Ħaż-Żebbuġ. **Lill-Kunċizzjoni** Rokku Buhagiar pittirha f'diversi kwadri - fosthom fil-knejjes parrokkjali ta' Ħal-Għaxaq u Ħal-Balzan, u fil-knejjes żgħar tal-Qala, Għawdex, u Santa Skolastika, il-Birgu. Rokku Buhagiar ħallielna patrimonju kbir ta' pittura li għadna ngawdu sal-lum. Hu pittur li żgur jixraqlu jkun magħruf u studjat aktar milli fil-fatt hu. Nittamaw li xi student jew studenta fil-Fakulta ta' l-Arti fl-Universita' ta' Malta. Xi darba għad jagħżlu jew tagħżlu bħala suġġett għat-teżi.




Arzella Kurċifiss xogħol ta' Rokku Buhagiar


*Iż-Żwieġ Mistiku*

*Pierre Mignard (1612-1695)*

*St. Petersburg, Russia*